**Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument**

# ►B REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/323

## tal-24 ta' Frar 2016

## li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri rigward oġġetti taħt sospensjoni tad-dazju tas-sisa skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 389/2012

(ĠU L 66, 11.3.2016, p. 1)

Emendat minn:

| | | Ġurnal Uffiċjali | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Nru | Paġna | Data |
| ►M1 | Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/505 tas-7 ta' Marzu 2018 | L 86 | 52 | 28.3.2018 |
| ►M2 | Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2223 tat-13 ta' Diċembru 2019 | L 333 | 82 | 27.12.2019 |
| ►M3 | Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2263 tas-17 ta' Diċembru 2021 | L 455 | 20 | 20.12.2021 |

▼B

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/323

**tal-24 ta' Frar 2016**

**li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri rigward oġġetti taħt sospensjoni tad-dazju tas-sisa skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 389/2012**

## KAPITOLU I

## DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

### *Artikolu 1*

### Suġġett

Għall-finijiet ta' kooperazzjoni u skambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri rigward l-oġġetti taħt sospensjoni tad-dazju tas-sisa, dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli dettaljati dwar dan li ġej:

(a) l-istruttura u l-kontenut tad-dokumenti ta' assistenza amministrattiva reċiproka skambjati permezz tas-sistema kompjuterizzata msemmija fl-Artikolu 2 (8) tar-Regolament (UE) Nru 389/2012 għall-finijiet tal-Artikoli 8, 15 u 16 ta' dak ir-Regolament;

(b) l-istruttura u l-kontenut tal-komunikazzjonijiet ta' rispons dwar l-azzjoni ta' segwitu meħuda bħala riżultat ta' kooperazzjoni fuq talba jew ta' komunikazzjoni ta' informazzjoni fakultattiva;

(c) ir-regoli u l-proċeduri li għandhom jintużaw mill-awtoritajiet kompetenti li jiskambjaw dokumenti ta' assistenza amministrattiva reċiproka;

(d) l-istruttura u l-kontenut tad-dokumenti ta' assistenza amministrattiva reċiproka ta' riżerva u r-regoli u l-proċeduri relatati mal-użu tagħhom.

▼M1

### *Artikolu 2*

### Definizzjoni

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, "moviment" tfisser moviment bejn żewġ Stati Membri jew aktar ta' merkanzija soġġetta għal arranġament ta' sospensjoni tad-dazju tas-sisa skont it-tifsira tal-Kapitolu IV tad-Direttiva 2008/118/KE.

▼B

### *Artikolu 3*

### L-istruttura u l-kontenut tad-dokumenti ta' assistenza amministrattiva reċiproka

1. Id-dokumenti ta' assistenza amministrattiva reċiproka għandhom jitfasslu skont l-Anness I.

2. Meta jkunu meħtieġa kodiċijiet għat-tlestija ta' ċerti oqsma ta' dejta fid-dokumenti ta' assistenza amministrattiva reċiproka skont l-Anness I ta' dan ir-Regolament, il-kodiċijiet elenkati fl-Anness II ta' dan ir-Regolament, l-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni

▼B

(UE) Nru 612/2013 ([1]) u l-Anness II tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 684/2009 ([2]) għandhom jintużaw kif stabbiliti fit-tabelli tal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

KAPITOLU II

**KOOPERAZZJONI FUQ TALBA**

*TAQSIMA I*

***Talbiet għat-tniżżil ta' informazzjoni li tkun fis-sistema kompjuterizzata***

*Artikolu 4*

**Talba għat-tniżżil ta' informazzjoni meta l-awtorità rikjedenti tkun taf il-kodiċi ta' referenza amministrattiv ta' moviment**

1. Meta l-awtorità rikjedenti tkun taf il-kodiċi ta' referenza amministrattiv tad-dokument amministrattiv elettroniku li taħtu jseħħ moviment, mogħti skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 21(3) tad-Direttiva 2008/118/KE, din tista' titlob kwalunkwe dokument imsemmi fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 684/2009 u kwalunkwe dokument ieħor relatat ma' dak il-moviment.

Għal dak l-iskop l-awtorità rikjedenti għandha tibgħat dokument imsejjaħ "Talba ta' Tniżżil ta' Moviment", kif stabbilit fit-Tabella 1 tal-Anness I, lill-awtorità rikjesta fl-Istat Membru ta' dispaċċ. It-talba għandha tiddikjara l-kodiċi ta' referenza amministrattiv tad-dokument amministrattiv elettroniku li taħtu jseħħ il-moviment.

2. Meta l-awtorità rikjesta tkun taf il-kodiċi ta' referenza amministrattiv, din għandha twieġeb għal talbiet magħmulin skont il-paragrafu 1 permezz ta' dokument imsejjaħ "Tweġiba għal Tniżżil ta' Moviment", kif stabbilit fit-Tabella 2 tal-Anness I, li jindika l-istatus tal-moviment.

L-awtorità rikjesta għandha tibgħat ukoll dokument imsejjaħ "L-Istorja ta' Moviment", kif stabbilit fit-Tabella 3 tal-Anness I, li jkollu kopja tad-dokument amministrattiv elettroniku li taħtu jseħħ il-moviment u kwalunkwe dokument ieħor relatat ma' dak il-moviment.

3. Meta l-awtorità rikjesta ma tkunx taf il-kodiċi ta' referenza amministrattiv, din għandha twieġeb għal talbiet magħmulin skont il-paragrafu 1 permezz ta' dokument imsejjaħ "Tweġiba għal Tniżżil ta' Moviment" bl-element tad-dejta tal-"Istatus" issettjat fuq "Xejn".

([1]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 612/2013 tal-25 ta' Ġunju 2013 dwar l-operazzjoni tar-reġistru ta' operaturi ekonomiċi u mħażen tat-taxxa, statistika relatata u rappurtar skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 389/2012 dwar kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tad-dazji tas-sisa (ĠU L 173, 26.6.2013, p. 9).

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 684/2009 tal-24 ta' Lulju 2009 li jimplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE fir-rigward tal-proċeduri kompjuterizzati għall-moviment ta' prodotti tas-sisa taħt sospensjoni tad-dazju tas-sisa (ĠU L 197, 29.7.2009, p. 24).

▼B

*Artikolu 5*

**Talba għal tniżżil ta' informazzjoni meta l-awtorità rikjedenti ma tkunx taf il-kodiċi ta' referenza amministrattiv**

1. Meta l-kodiċi jew kodiċijiet ta' referenza amministrattivi ta' dokument amministrattiv elettroniku wieħed jew aktar li jkun qed jiġi mfittex mill-awtorità rikjedenti ma jkunux magħrufin u l-awtorità rikjedenti temmen li Stat Membru ieħor huwa l-Istat Membru ta' dispaċċ, l-awtorità rikjedenti tista' titlob li ssir tfittxija mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru ieħor għal lista ta' dokumenti amministrattivi elettroniċi li taħthom iseħħu movimenti rilevanti.

Għal dak il-għan, l-awtorità rikjedenti għandha tibgħat dokument imsejjaħ "Talba Komuni", kif stabbilit fit-Tabella 4 tal-Anness I, lill-awtorità rikjesta. It-talba għandha tiddikjara l-kriterji ta' tfittxija rilevanti u tinkludi kwalunkwe informazzjoni li tappoġġja l-għażla ta' dawk il-kriterji.

2. L-awtorità rikjesta għandha twieġeb għal talbiet magħmulin skont il-paragrafu 1 billi tirritorna lista ta' dokumenti elettroniċi amministrattivi li jaqblu mal-kriterji ta' tfittxija magħżulin skont it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1, identifikati mill-kodiċijiet ta' referenza amministrattiv tagħhom permezz ta' dokument imsejjaħ "Lista ta' e-AD bħala riżultat ta' talba ġenerali", kif stabbilit fit-Tabella 5 tal-Anness I.

3. Meta l-ebda dokument ma jissodisfa l-kriterji ta' tfittxija magħżulin skont it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1, jew in-numru tal-kodiċijiet ta' referenza amministrattivi li jissodisfaw il-kriterji ta' tfittxija magħżulin ikun akbar minn 99, l-awtorità rikjesta għandha tibgħat lill-awtorità rikjedenti dokument imsejjaħ "Rifjut ta' Talba Komuni", kif stabbilit fit-Tabella 6 tal-Anness I.

*TAQSIMA II*

***Talbiet għal informazzjoni li ma tkunx tinsab fis-sistema kompjuterizzata***

*Artikolu 6*

**Talbiet għal informazzjoni u mistoqsijiet amministrattivi**

1. Talbiet għal informazzjoni dwar oġġetti taħt sospensjoni tad-dazju tas-sisa li ma tinsabx fis-sistema kompjuterizzata għandha ssir billi jintbagħat dokument imsejjaħ "Talba Komuni ta' Kooperazzjoni Amministrattiva", kif stabbilit fit-Tabella 7 tal-Anness I. It-tip ta' talba għandha tkun issettjata għal "Kooperazzjoni Amministrattiva".

2. Kull talba magħmula skont il-paragrafu 1 tista' tirrigwarda lil operatur ekonomiku wieħed jew aktar irreġistrati fl-Istat Membru tal-awtorità rikjedenti skont l-Artikolu 19(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 389/2012. Ma għandhiex tirrigwarda aktar minn operatur ekonomiku wieħed irreġistrat fl-Istat Membru tal-awtorità rikjesta.

▼B

3. Wara li tkun għamlet l-investigazzjonijiet meħtieġa, l-awtorità rikjesta għandha tibgħat ir-riżultati ta' dawk l-investigazzjonijiet lill-awtorità rikjedenti permezz ta' dokument imsejjaħ "Riżultati ta' Kooperazzjoni Amministrattiva", kif stabbilit fit-Tabella 10 tal-Anness I.

▼M2

*TAQSIMA IIA*

***Talbiet għal għeluq manwali***

*Artikolu 6a*

**Talba għal għeluq manwali**

Għall-fini tal-Artikolu 8(1) tar-Regolament (UE) Nru 389/2012, meta l-moviment tal-merkanzija soġġetta għas-sisa taħt arranġament ta' sospensjoni tad-dazju ma jkunx jista' jingħalaq skont l-Artikolu 24 jew 25 tad-Direttiva 2008/118/KE, l-awtorità rikjedenti tista' titlob lill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru tad-dispaċċ biex tagħlaq manwalment moviment tal-merkanzija soġġetta għas-sisa taħt sospensjoni tad-dazju tas-sisa. Talba bħal din għandha ssir billi jintbagħat dokument ta' "Talba għal Għeluq Manwali" stabbilit fit-Tabella 15 tal-Anness I.

▼B

*TAQSIMA III*

***Limiti ta' żmien u rifjuti***

*Artikolu 7*

**Limiti taż-żmien**

1. Awtorità rikjedenti tista' tfakkar lil awtorità rikjesta li għadha ma weġbitx għal talba preċedenti għal kooperazzjoni billi tibgħat dokument imsejjaħ "Messaġġ ta' Tfakkira għal Kooperazzjoni Amministrattiva", kif stabbilit fit-Tabella 9 tal-Anness I.

2. Meta l-awtorità rikjesta ma tweġibx għal talba fil-limiti ta' żmien ipprovduti fl-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) Nru 389/2012 din għandha tibgħat informazzjoni dwar ir-raġunijiet għan-nuqqas billi tibgħat dokument imsejjaħ "Messaġġ ta' tweġiba", kif stabbilit fit-Tabella 8 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 8*

**Rifjut ta' kooperazzjoni**

▼M1

Meta l-awtorità li ssirilha t-talba tirrifjuta li tittratta talba għal informazzjoni, li twettaq investigazzjoni amministrattiva b'rabta mal-informazzjoni mitluba, jew li tagħti l-informazzjoni mitluba, din għandha tinnotifika lill-awtorità rikjedenti permezz ta' dokument "Messaġġ ta' tweġiba", kif stabbilit fit-Tabella 8 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

▼B

Din għandha tibgħat din in-notifika malli tkun ħadet id-deċiżjoni u fi kwalunkwe każ fi żmien tliet xhur minn meta tirċievi t-talba.

▼B

KAPITOLU III

**SKAMBJU TA' INFORMAZZJONI MINGĦAJR TALBA PREĊEDENTI**

*Artikolu 9*

**Skambju fakultattiv ta' informazzjoni**

1. F'każijiet oħrajn minbarra dawk imsemmija fil-paragrafu 2, l-iskambju fakultattiv ta' informazzjoni pprovdut fl-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 389/2012 għandu jsir permezz ta' dokument imsejjaħ "Riżultati ta' Kooperazzjoni Amministrattiva", kif stabbilit fit-Tabella 10 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

2. Meta l-iskambju fakultattiv ta' informazzjoni jkun jirrigwarda r-riżultati ta' kontroll dokumentarju jew fiżiku ta' oġġetti waqt moviment, ir-riżultati għandhom jintbagħtu permezz ta' dokument imsejjaħ "Rapport ta' Kontroll", kif stabbilit fit-Tabella 11 tal-Anness I.

*Artikolu 10*

**Skambju obbligatorju ta' informazzjoni – oġġetti taħt sospensjoni tad-dazju tas-sisa koperti mid-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu III tad-Direttiva 2008/118/KE jew oġġetti rċevuti minn destinatarju rreġistrat**

Meta jiġi identifikat wieħed mill-każijiet imsemmija fil-punti (a) sa (e) tal-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 389/2012 b'riżultat ta' kontroll tad-dokumenti jew kontroll fiżiku ta' oġġetti fil-bini ta' destinatarju reġistrat skont it-tifsira tal-Artikolu 4(9) tad-Direttiva 2008/118/KE (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "destinatarju reġistrat") jew ta' magazzinier awtorizzat skont it-tifsira tal-Artikolu 4(1) ta' dik id-Direttiva (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "magazzinier awtorizzat"), it-trażmissjoni obbligatorja tal-informazzjoni meħtieġa għandha ssir permezz ta' dokument imsejjaħ "Riżultati ta' Kooperazzjoni Amministrattiva", kif stabbilit fit-Tabella 10 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Id-dokument imsejjaħ "Riżultati ta' Kooperazzjoni Amministrattiva" għandu jintbagħat lill-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru kkonċernat fi żmien sebat ijiem mill-kontroll.

*Artikolu 11*

**Skambju obbligatorju ta' informazzjoni - rapport ta' kontroll**

Meta jiġi identifikat wieħed mill-każijiet imsemmija fil-punti (a) sa (e) tal-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 389/2012 b'riżultat ta' kontroll tad-dokumenti jew kontroll fiżiku ta' oġġetti waqt moviment, it-trażmissjoni obbligatorja tar-rapport ta' kontroll għandha ssir permezz ta' dokument imsejjaħ "Rapport ta' kontroll", kif stabbilit fit-Tabella 11 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Id-dokument "Rapport ta' Kontroll" għandu jintbagħat lill-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri kkonċernati fi żmien sebat ijiem mill-kontroll.

▼B

*Artikolu 12*

**Skambju obbligatorju ta’ informazzjoni - interruzzjoni definittiva ta’ moviment**

Meta awtorità kompetenti tinduna bl-interruzzjoni definittiva ta’ moviment minħabba wieħed mill-każijiet imsemmija fil-punti (a) sa (e) tal-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 389/2012, it-trażmissjoni obbligatorja ta’ dik l-informazzjoni għandha ssir permezz ta’ dokument imsejjaħ ‘Interruzzjoni ta’ Moviment’, kif stabbilit fit-Tabella 13 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Id-dokument "Interruzzjoni ta’ Moviment" għandu jintbagħat lill-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri kkonċernati fi żmien jum minn meta l-awtorità kompetenti msemmija fl-ewwel paragrafu tinduna bl-interruzzjoni definittiva.

*Artikolu 13*

**Skambju obbligatorju ta’ informazzjoni - notifika ta’ twissija jew ta’ rifjut**

Meta awtorità kompetenti tinduna li oġġetti taħt sospensjoni tad-dazju tas-sisa mibgħuta lil destinatarju reġistrat jew magazzinier awtorizzat ma kinux intalbu, jew li l-kontenut tad-dokument amministrattiv elettroniku dwar oġġetti taħt sospensjoni tad-dazju tas-sisa mibgħuta lil destinatarju rreġistrat jew magazzinier awtorizzat huwa żbaljat, u l-awtorità kompetenti tissuspetta li dan huwa dovut għal wieħed mill-każijiet imsemmija fil-punti (a) sa (c) jew (e) tal-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 389/2012, din għandha tibgħat dokument imsejjaħ "Twissija jew Rifjut ta’ e-AD", kif stabbilit fit-Tabella 14 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament, lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta’ dispaċċ.

Id-dokument imsejjaħ "Twissija jew Rifjut ta’ e-AD" għandu jintbagħat lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta’ dispaċċ fi żmien jum minn meta l-awtorità kompetenti tinduna bil-fatti msemmija fl-ewwel paragrafu.

*Artikolu 14*

**Skambju obbligatorju ta’ informazzjoni - rapporti ta’ avveniment**

Meta awtorità kompetenti tinduna b’fatti li jirrigwardaw moviment ieħor għajr dawk stabbiliti fl-Artikoli 10, 11, 12 jew 13 u l-awtorità kompetenti tissuspetta li huma relatati ma’ wieħed mill-każijiet fil-punti (a) sa (e) tal-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 389/2012, it-trażmissjoni obbligatorja tal-informazzjoni meħtieġa għandha ssir permezz ta’ dokument imsejjaħ "Rapport ta’ Avveniment", kif stabbilit fit-Tabella 12 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Id-dokument imsejjaħ "Rapport ta’ Avveniment" għandu jintbagħat fi żmien sebat ijiem minn meta l-awtorità kompetenti tinduna bil-fatti msemmija fl-ewwel paragrafu.

▼M2

*Artikolu 14a*

**Skambju obbligatorju ta’ informazzjoni — għeluq manwali**

Għall-fini tal-Artikolu 15(1)(c) tar-Regolament (UE) Nru 389/2012, meta awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-dispaċċ tkun irċeviet evidenza

▼M2

tat-tlestija ta' moviment tal-merkanzija soġġetta għas-sisa taħt arranġament ta' sospensjoni tad-dazju u l-moviment ma jkunx jista' jingħalaq skont l-Artikolu 24 jew l-Artikolu 25 tad-Direttiva 2008/118/KE, l-awtorità għandha tiddeċiedi jekk tagħlaqx manwalment il-moviment tal-merkanzija soġġetta għas-sisa.

L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-dispaċċ għandha tinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-destinazzjoni jew tal-Istat Membru tal-esportazzjoni dwar id-deċiżjoni tagħha.

In-notifika ta' deċiżjoni biex moviment jingħalaq manwalment għandha ssir permezz ta' dokument ta' "Tweġiba dwar l-Għeluq Manwali", stabbilit fit-Tabella 16 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

▼B

KAPITOLU IV

**DISPOŻIZZJONIJIET KOMUNI DWAR L-ISKAMBJU TA' INFORMAZZJONI**

*Artikolu 15*

**In-nuqqas ta' sistema kompjuterizzata u l-użu ta' dokument ta' assistenza amministrattiva reċiproka ta' riżerva**

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 15(4) tar-Regolament (UE) Nru 389/2012, l-Istati Membri jistgħu jikkunsidraw li s-sistema kompjuterizzata mhijiex disponibbli fiċ-ċirkustanzi li ġejjin:

(a) is-sistema kompjuterizzata mhijiex disponibbli minħabba ħsara fil-ħardwer jew fit-telekomunikazzjoni;

(b) iseħħu problemi marbuta man-netwerk li mhumiex taħt il-kontroll dirett tal-Kummissjoni jew tal-Istat Membru kkonċernat;

(c) force majeure;

(d) manutenzjoni skedata nnotifikata almenu 48 siegħa qabel il-bidu previst tal-perjodu ta' manutenzjoni.

2. Għall-finijiet tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 9(1) u l-Artikolu 15(4) tar-Regolament (UE) Nru 389/2012, id-dokument ta' assistenza amministrattiva reċiproka ta' riżerva għandu jidentifika t-tip ta' dokument ta' assistenza reċiproka li qed jissostitwixxi. L-informazzjoni meħtieġa għandha titfassal kif stabbilit fit-tabelli tal-Anness I ta' dan ir-Regolament fil-forma ta' elementi ta' dejta, espressi bl-istess mod tad-dokument ta' assistenza amministrattiva reċiproka. L-elementi tad-dejta kollha u l-gruppi u s-subgruppi ta' dejta li għalihom jappartjenu dawn l-elementi ta' dejta għandhom ikunu identifikati min-numri u l-ittri msemmija fil-kolonni A u B tat-tabelli korrispondenti tal-Anness I.

Id-dokument ta' assistenza amministrattiva reċiproka ta' riżerva għandu jiġi skambjat bi kwalunkwe mezz miftiehem bejn l-awtoritajiet kompetenti kkonċernati.

3. Malli s-sistema kompjuterizzata terġa' tiġi disponibbli, l-informazzjoni skambjata skont il-paragrafu 2 għandha tintbagħat permezz tas-sistema kompjuterizzata fil-forma tad-dokumenti ta' assistenza amministrattiva reċiproka xierqa.

▼M1

*Artikolu 16*

**Feedback dwar l-azzjoni ta' segwitu meħuda bħala riżultat ta' skambju ta' informazzjoni**

Talba għal feedback u feedback dwar l-azzjoni ta' segwitu skont l-Artikolu 8(5), l-Artikolu 15(2) jew l-Artikolu 16(2) tar-Regolament (UE) Nru 389/2012 għandhom isiru permezz ta' dokument ta' "Riżultati ta' Kooperazzjoni Amministrattiva", kif stabbilit fit-Tabella 10 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament. Il-feedback għandu jingħata billi jintbagħat dokument ulterjuri msejjaħ "Riżultati ta' Kooperazzjoni Amministrattiva", kif stabbilit fit-Tabella 10.

▼B

KAPITOLU V

**ID-DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

*Artikolu 17*

**Id-dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

*ANNESS I*

## L-ISTRUTTURA TAL-MESSAĠĠI KOMUNI

### Messaġġi elettroniċi użati għall-finijiet ta' skambju ta' informazzjoni rigward oġġetti tas-sisa taħt sospensjoni tad-dazju

NOTI TA' SPJEGAZZJONI

(1) L-elementi tad-dejta tal-messaġġi elettroniċi użati għall-finijiet ta' skambju ta' informazzjoni dwar oġġetti tas-sisa taħt sospensjoni tad-dazju permezz tas-sistema kompjuterizzata msemmija fl-Artikolu 21(2) tad-Direttiva 2008/118/KE u fl-Artikolu 2(17) tar-Regolament (UE) Nru 389/2012, huma strutturati fi gruppi ta' dejta u, fejn japplika, subgruppi ta' dejta. Id-dettalji rigward id-dejta u l-użu tagħha huma ppreżentati fit-Tabelli ta' dan l-Anness, li fihom:

(a) il-kolonna A tistabbilixxi l-kodiċi numeriku (numru) mogħti lil kull grupp ta' dejta u subgrupp ta' dejta; kull subgrupp isegwi n-numru ta' sekwenza tas-(sub)grupp ta' dejta li jifforma parti minnu (pereżempju: fejn in-numru tal-grupp ta' dejta jkun 1, subgrupp ta' dejta ta' dak il-grupp ikun 1.1 u subgrupp ta' dejta ta' dak is-subgrupp ikun 1.1.1);

(b) il-kolonna B tistabbilixxi l-kodiċi alfabetiku (ittra) mogħti lil kull element ta' dejta f'(sub)grupp ta' dejta;

(c) il-kolonna C tidentifika s-(sub)grupp tad-dejta jew l-element tad-dejta;

(d) il-kolonna D tindika għal kull (sub)grupp ta' dejta jew element ta' dejta valur li jindika jekk l-inserzjoni tad-dejta korrispondenti hijiex:

— 'R' (Obbligatorja), li tfisser li d-dejta trid tingħata; meta (sub)grupp ta' dejta jkun 'O' (Fakultattiva) jew 'C' (Kondizzjonali), l-elementi tad-dejta f'dak il-grupp xorta waħda jistgħu jkunu 'R' (Obbligatorja) meta l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jkunu ddeċidew li d-dejta f'dak is-(sub)grupp għandha tiddaħħal jew meta tiġi ssodisfata l-kundizzjoni relatata mas-(sub)grupp ta' dejta korrispondenti;

— 'O' (Fakultattiva), tfisser li l-inserzjoni tad-dejta hija fakultattiva għall-persuna li qed tissottometti l-messaġġ (il-kunsinjatur jew il-kunsinjatarju) minbarra fejn Stat Membru jkun stipula li d-dejta huma meħtieġa f'konformità mal-għażla pprovduta fil-kolonna E għal xi whud mis-(sotto)gruppi tad-dejta jew elementi tad-dejta fakultattivi;

— 'C' (Kondizzjonali) tfisser li l-użu tas-(sub)grupp tad-dejta jew l-element tad-dejta jiddependi fuq (sub)gruppi oħra jew elementi tad-dejta oħra fl-istess messaġġ;

(e) il-kolonna E tistabbilixxi l-kundizzjoni(jiet) li fuqhom tiddependi l-inserzjoni tad-dejta, tispeċifika l-użu tad-dejta fakultattiva fejn applikabbli u tindika liema dejta trid tiġi pprovduta mill-awtoritajiet kompetenti;

(f) il-kolonna F tipprovdi spjegazzjonijiet, fejn meħtieġ, dwar kif għandu jsir il-messaġġ;

(g) il-kolonna G tindika:

▼B

— għal xi (sub)gruppi tad-dejta, numru segwit mill-karattru “x” li jindika kemm-il darba s-(sub)grupp tad-dejta jista’ jiġi ripetut fil-messaġġ (jekk mhux indikat mod ieħor = 1);

— għal kull element tad-dejta, ħlief għall-elementi tad-dejta li jindikaw iż-żmien jew id-data, il-karatteristiċi li jidentifikaw it-tip ta’ dejta u t-tul tad-dejta; il-kodiċijiet għat-tipi ta’ dejta huma kif ġej:

*a* alfabetiċi,

*n* numeriċi,

*an* alfanumeriċi.

In-numru ta’ wara l-kodiċi jindika t-tul ammissibbli tad-dejta għall-element tad-dejta kkonċernat. Iż-żewġ tikek qabel l-indikatur tat-tul ifissru li d-dejta ma għandhiex tul fiss, iżda jista’ jkollha għadd ta’ numri, kif speċifikat mill-indikatur tat-tul. Virgola fit-tul tad-dejta tfisser li d-dejta jista’ jkollha d-deċimali, in-numru ta’ qabel il-virgola jindika t-tul totali tal-attribut, u n-numru ta’ wara l-virgola jindika n-numru massimu ta’ numri wara l-punt deċimali.

Għal elementi tad-dejta li jindikaw il-ħin jew id-data, il-kliem ‘date’, ‘time’ jew ‘dateTime’, ifissru li d-data, il-ħin jew id-data u l-ħin iridu jingħataw skont l-istandard tal-ISO 8601 għar-rappreżentazzjoni tad-dati u l-ħin.

(2) L-abbrevjazzjonijiet li ġejjin huma użati fit-Tabelli ta’ dan l-Anness:

— e-AD: dokument amministrattiv elettroniku

— ARC: kodiċi amministrattiv ta’ referenza

— SEED: Is-Sistema għall-Iskambju tad-Dejta tas-Sisa (il-bażi tad-dejta elettroniku msemmi fl-Artikolu 19(1) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 389/2012

— Kodiċi NM: Kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda

— MRN: Numru ta’ Referenza tal-Moviment

— LRN: Numru ta’ Referenza Lokali

— LNG: Lingwa

— VAT: Taxxa fuq il-Valur Miżjud

— ACO: Kooperazzjoni Amministrattiva

▼M1

*Tabella 1*

(kif imsemmija fl-Artikolu 4(1))

**Talba għal Tniżżil ta' Moviment**

| A | B | C | D | E | F | G |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **1** | | **ATTRIBUTI** | R | | | |
| | *a* | Identifikatur ta' Korrelazzjoni tat-Talba | R | | Il-valur ta' <Identifikatur ta' Korrelazzjoni tat-Talba> huwa uniku għal kull Stat Membru. | an..44 |
| **2** | | **e-AD RELATAT MAL-MOVIMENT TAS-SISA** | R | | | |
| | *a* | ARC | R | | *(ara l-Lista ta' kodiċijiet 2 fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 684/2009)* | an21 |
| | *b* | Numru tas-Sekwenza | R | | Il-valur tal-Attribut irid ikun akbar minn żero. | n..2 |
| | *c* | Indikatur ta' Talba għal Informazzjoni dwar Moviment Nazzjonali | R | | Il-format Boolean huwa diġitali: “0” jew “1” (“0” = Le jew Falz; “1” = Iva jew Veru) | n1 |
| | *d* | Stat | R | | Il-valuri possibbli huma:<br>X01 = Aċċettat<br>X02 = Ikkanċellat<br>X03 = Imwassal<br>X04 = Devjat<br>X05 = Miċħud<br>X06 = Sostitwit<br>X07 = e-AD Magħluq Manwalment<br>X08 = Irrifjutat<br>X09 = Xejn<br>X10 = Parzjalment Irrifjutat<br>X11 = Qed Jiġi Esportat<br>X12 = Aċċettat għall-Esportazzjoni<br>X13 = Imwaqqaf | an3 |

▼M1

| A | B | C | D | E | F | G |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | *e* | L-Aħħar Tip ta' Messaġġ Riċevut | R | | Il-valuri possibbli huma:<br>IE801 = E-AD<br>IE803 = NOTIFIKA TA' E-AD IDDEVJAT<br>IE807 = INTERRUZZJONI TA' MOVIMENT<br>IE810 = KANĊELLAZZJONI TA' E-AD<br>IE813 = BIDLA FID-DESTINAZZJONI<br>IE818 = RAPPORT TAL-IRĊEVUTA/ESPORTAZZJONI AĊĊETTAT JEW (PARZJALMENT) IRRIFJUTAT<br>IE819 = TWISSIJA JEW ĊAĦDA TA' E-AD<br>IE829 = NOTIFIKA TA' ESPORTAZZJONI AĊĊETTATA<br>IE839 = ĊAĦDA TA' E-AD GĦALL-ESPORTAZZJONI<br>IE905 = RISPOSTA DWAR L-ISTAT<br>Xejn = XEJN<br>*Nota: Il-valur IE905 jenħtieġ li jiġi inkluż biss meta l-e-AD jingħalaq manwalment.* | an..5 |
| | *f* | Tip ta' Messaġġ tat-Talba tal-Istat | O | | Il-valuri possibbli huma:<br>1 = Talba għal Sinkronizzazzjoni tal-Istat<br>2 = Talba għal Storja ta' Moviment | n1 |

*Tabella 2*

(kif imsemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(2))

**Tweġiba għal Tniżżil ta' Moviment**

| A | B | C | D | E | F | G |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **1** | | **ATTRIBUTI** | R | | | |
| | *a* | Identifikatur ta' Korrelazzjoni tat-Talba | R | | Il-valur ta' <Identifikatur ta' Korrelazzjoni tat-Talba> huwa uniku għal kull Stat Membru. | an..44 |
| **2** | | **e-AD RELATAT MAL-MOVIMENT TAS-SISA** | R | | | |

▼M1

| A | B | C | D | E | F | G |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | *a* | ARC | R | | *(ara l-Lista ta' kodiċijiet 2 fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 684/2009)* | an21 |
| | *b* | Numru tas-Sekwenza | R | | Il-valur tal-Attribut irid ikun akbar minn żero. | n..2 |
| | *c* | Stat | R | | Il-valuri possibbli ta' <Stat> huma:<br>X01 = Aċċettat<br>X02 = Ikkanċellat<br>X03 = Imwassal<br>X04 = Devjat<br>X05 = Miċħud<br>X06 = Sostitwit<br>X07 = e-AD Magħluq Manwalment<br>X08 = Irrifjutat<br>X09 = Xejn<br>X10 = Parzjalment Irrifjutat<br>X11 = Qed Jiġi Esportat<br>X12 = Aċċettat għall-Esportazzjoni<br>X13 = Imwaqqaf | an3 |
| | *d* | L-Aħħar Tip ta' Messaġġ Riċevut | R | | Il-valuri possibbli huma:<br>IE801 = E-AD<br>IE803 = NOTIFIKA TA' E-AD IDDEVJAT<br>IE807 = INTERRUZZJONI TA' MOVIMENT<br>IE810 = KANĊELLAZZJONI TA' E-AD<br>IE813 = BIDLA FID-DESTINAZZJONI<br>IE818 = RAPPORT TAL-IRĊEVUTA/ESPORTAZZJONI AĊĊETTAT JEW (PARZJALMENT) IRRIFJUTAT<br>IE819 = TWISSIJA JEW ĊAĦDA TA' E-AD<br>IE829 = NOTIFIKA TA' ESPORTAZZJONI AĊĊETTATA<br>IE839 = ĊAĦDA TA' E-AD GĦALL-ESPORTAZZJONI<br>IE905 = RISPOSTA DWAR L-ISTAT<br>Xejn = XEJN<br>*Nota: Il-valur IE905 jenħtieġ li jiġi inkluż biss meta l-e-AD jingħalaq manwalment.* | an..5 |

▼M1

*Tabella 3*

(kif imsemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(2))

**L-Istorja ta' Moviment**

| A | B | C | D | E | F | G |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **1** | | **ATTRIBUTI** | R | | | |
| | *a* | Identifikatur ta' Korrelazzjoni tat-Talba | R | | Il-valur ta' <Identifikatur ta' Korrelazzjoni tat-Talba> huwa uniku għal kull Stat Membru. | an..44 |
| **2** | | **L-e-ADs kollha vvalidati** | R | | Is-sett ta' kull abbozz ta' dokumenti amministrattivi elettroniċi u tad-dokumenti amministrattivi elettroniċi relatati mal-moviment, li l-istruttura tiegħu hija stabbilita fit-Tabella 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 684/2009 | 99x |
| **3** | | **Ir-Rapporti kollha tal-Irċevuta/tal-Esportazzjoni** | O | | Is-sett ta' kull messaġġ ta' Rapport tal-Irċevuta/Rapport tal-esportazzjoni relatat mal-moviment, li l-istruttura tiegħu hija stabbilita fit-Tabella 6 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 684/2009 | 99x |
| **4** | | **L-aħħar Notifika ta' e-AD iddevjat** | O | | Il-kontenut tal-aħħar messaġġ ta' Notifika tal-bdil fid-destinazzjoni/Notifika tal-qsim relatat mal-moviment, li l-istruttura tiegħu hija stabbilita fit-Tabella 4 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 684/2009 | 1x |
| **5** | | **Ir-Rapporti kollha ta' Kontroll** | O | | Is-sett ta' kull messaġġ ta' Rapport ta' Kontroll relatat mal-moviment, li l-istruttura tiegħu hija stabbilita fit-Tabella 11 | 99x |
| **6** | | **Ir-Rapporti kollha dwar l-Avveniment** | O | | Is-sett ta' kull messaġġ ta' Rapport dwar l-Avveniment relatat mal-moviment, li l-istruttura tiegħu hija stabbilita fit-Tabella 12 | 99x |
| **7** | | **L-ispjegazzjonijiet kollha għad-dewmien fil-konsenja** | O | | Is-sett ta' kull messaġġ ta' Spjegazzjoni għad-dewmien fil-konsenja relatat mal-moviment | 99x |
| **7.1** | | **ATTRIBUTI** | R | | | |
| | *a* | Rwol tal-Messaġġ | R | | Il-valuri possibbli huma:<br>1 = Spjegazzjoni dwar id-dewmien għall-bgħit tar-rapport tal-irċevuta/tal-esportazzjoni<br>2 = Spjegazzjoni dwar id-dewmien għall-għoti tad-destinazzjoni | n1 |

▼M1

| A | B | C | D | E | F | G |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | *b* | Data u Ħin tal-Validazzjoni tal-Ispjegazzjoni dwar id-Dewmien | C | — "R" wara validazzjoni b'suċċess<br>— Ma tapplikax għall-każijiet l-oħrajn | | dataĦin |
| | *c* | Tip ta' Sottomittent | R | | Il-valuri possibbli huma:<br>1 = Konsenjatur<br>2 = Kunsinjatarju | n1 |
| | *d* | Identifikazzjoni tas-Sottomittent R an13 Rule072 | R | | <Identifikazzjoni tas-Sottomittent> huwa numru tas-sisa tal-kummerċjant validu.<br>*(ara l-Lista ta' kodiċijiet 1 fl-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 612/2013)* | an13 |
| | *e* | Kodiċi ta' Spjegazzjoni | R | | *(ara l-Lista ta' kodiċijiet 7 fl-Anness II)* | n..2 |
| | *f* | Informazzjoni Komplementari | C | — "R" jekk <Kodiċi ta' Spjegazzjoni> jkun "Oħrajn"<br>— "O" f'każijiet oħra<br>*(ara l-Kodiċi ta' Spjegazzjoni fil-kaxxa 7.1e)* | | an..350 |
| | *g* | Informazzjoni Komplementari_LNG | C | — "R" jekk jintużaw l-ispazju jew l-ispazji għat-test korrispondenti<br>— Ma tapplikax għall-każijiet l-oħrajn | *Ipprovdi l-kodiċi tal-lingwa ppreżentat fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 684/2009, il-Lista tal-kodiċijiet 1 sabiex tiddefinixxi l-lingwa użata f'dan il-grupp ta' dejta* | a2 |
| **7.2** | | **e-AD RELATAT MAL-MOVIMENT TAS-SISA** | R | | | |
| | *a* | ARC | R | | *(ara l-Lista ta' kodiċijiet 2 fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 684/2009)* | an21 |
| | *b* | Numru tas-Sekwenza | R | | Il-valur tal-Attribut irid ikun akbar minn żero. | n..2 |
| **8** | | **In-Notifiki kollha tal-Esportazzjoni** | O | | Is-sett tal-messaġġi kollha ta' Notifika ta' esportazzjoni aċċettata relatati mal-moviment | 99x |

▼M1

| A | B | C | D | E | F | G |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **8.1** | | **ATTRIBUTI** | R | | | |
| | *a* | Data u Ħin tal-Ħruġ | R | | | dataĦin |
| **8.2** | | **e-AD RELATAT MAL-MOVIMENT TAS-SISA** | R | | | 99x |
| | *a* | ARC | R | | *(ara l-Lista ta' kodiċijiet 2 fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 684/2009)* | an21 |
| | *b* | Numru tas-Sekwenza | R | | Il-valur tal-Attribut irid ikun akbar minn żero. | n..2 |
| **8.3** | | **KUMMERĊJANT Kunsinjatarju** | C | Ma japplikax jekk <Tip ta' Messaġġ> tal-e-ADs kollha kkonċernati jkun "Sottomissjoni għall-esportazzjoni (b'approvazzjoni lokali)"<br>— "R" għall-każijiet l-oħrajn | | |
| | *a* | Identifikazzjoni tal-Kummerċjant | C | — "R" jekk <Kodiċi tat-Tip tad-Destinazzjoni> jkun:<br>— "Destinazzjoni — Maħżen tat-taxxa"<br>— "Destinazzjoni — Kunsinjatarju rreġistrat"<br>— "Destinazzjoni — Kunsinjatarju rreġistrat temporanju"<br>— "Destinazzjoni — Konsenja diretta"<br>— "O" jekk <Kodiċi tat-Tip tad-Destinazzjoni> ikun "Destinazzjoni — Esportazzjoni"<br>— Ma tapplikax għall-każijiet l-oħrajn | Il-valuri possibbli ta' <Identifikazzjoni tal-Kummerċjant> huma deskritti fit-tabella li ġejja: | an..16 |

| Kodiċi tat-Tip tad-Destinazzjoni | KUMMERĊJANT KUNSINJATARJU. Identifikazzjoni tal-Kummerċjant | Post tal-Konsenja tal-KUMMERĊJANT. Identifikazzjoni tal-Kummerċjant |
|---|---|---|
| 1 — Destinazzjoni — Maħżen tat-taxxa | Numru tas-sisa ([1]) | Referenza tal-Maħżen tat-Taxxa (Numru tas-Sisa) ([5]) |
| 2 — Destinazzjoni — Kunsinjatarju rreġistrat | Numru tas-sisa ([2]) | Kwalunkwe identifikazzjoni (*) |
| 3 — Destinazzjoni — Kunsinjatarju rreġistrat temporanju | Referenza tal-awtorizzazzjoni temporanja ([4]) | Kwalunkwe identifikazzjoni (*) |

▼M1

<table>
<tr><th>A</th><th>B</th><th>C</th><th>D</th><th>E</th><th>F</th><th>G</th></tr>
<tr><td></td><td></td><td></td><td></td><td></td><td>
<table>
<tr><th>Kodiċi tat-Tip tad-Destinazzjoni</th><th>KUMMERĊJANT KUNSINJATARJU. Identifikazzjoni tal-Kummerċjant</th><th>Post tal-Konsenja tal-KUMMERĊJANT. Identifikazzjoni tal-Kummerċjant</th></tr>
<tr><td>4 — Destinazzjoni — Konsenja diretta</td><td>Numru tas-sisa ([3])</td><td>(Ma japplikax)</td></tr>
<tr><td>5 — Destinazzjoni — Kunsinjatarju eżenti</td><td>(Ma japplikax)</td><td>Kwalunkwe identifikazzjoni (*)</td></tr>
<tr><td>6 — Destinazzjoni — Esportazzjoni</td><td>Numru tal-VAT (fakultattiv)</td><td>(Il-grupp ta' dejta <KUMMERĊJANT Post tal-Konsenja> ma jeżistix)</td></tr>
</table>
([1]) It-tip ta' operatur tal-kunsinjatarju huwa “Magazzinier awtorizzat”. Identifikatur eżistenti <Numru tas-Sisa tal-Kummerċjant> fis-sett ta' <AWTORIZZAZZJONI TAL-KUMMERĊJANT>;<br>
([2]) It-tip ta' operatur tal-kunsinjatarju huwa “Kunsinjatarju rreġistrat”. Identifikatur eżistenti <Numru tas-Sisa tal-Kummerċjant> fis-sett ta' <AWTORIZZAZZJONI TAL-KUMMERĊJANT>;<br>
([3]) It-tip ta' operatur tal-kunsinjatarju huwa jew “Magazzinier awtorizzat” jew “Kunsinjatarju rreġistrat”. Identifikatur eżistenti <Numru tas-Sisa tal-Kummerċjant> fis-sett ta' <AWTORIZZAZZJONI TAL-KUMMERĊJANT>;<br>
([4]) Identifikatur eżistenti <Referenza tal-Awtorizzazzjoni Temporanja> fis-sett ta' <AWTORIZZAZZJONI TEMPORANJA>;<br>
([5]) Identifikatur eżistenti <Referenza tal-Maħżen tat-Taxxa> fis-sett ta' <MAĦŻEN TAT-TAXXA>;<br>
(*) Għall-post tal-konsenja, “Kwalunkwe identifikazzjoni” tfisser: numru tal-VAT jew kwalunkwe identifikatur ieħor; huwa fakultattiv.<br>
(ara l-Lista ta' kodiċijiet 1 u l-Lista ta' kodiċijiet 2 fl-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 612/2013, jekk applikabbli)
</td><td></td></tr>
<tr><td></td><td>b</td><td>Numru tal-EORI</td><td>C</td><td>— “O” jekk <Kodiċi tat-Tip tad-Destinazzjoni> ikun “Destinazzjoni — Esportazzjoni”<br>— Ma tapplikax għall-każijiet l-oħrajn</td><td>Ipprovdi n-numru tal-EORI tal-persuna responsabbli mid-dikjarar tad-dikjarazzjoni tal-esportazzjoni kif stipulat fl-Artikolu 21(5) tad-Direttiva 2008/118/KE.</td><td>an..17</td></tr>
<tr><td></td><td>c</td><td>Isem il-Kummerċjant</td><td>R</td><td></td><td></td><td>an..182</td></tr>
</table>

▼M1

| A | B | C | D | E | F | G |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | *d* | Isem tat-Triq | R | | | an..65 |
| | *e* | Numru tat-Triq | O | | | an..11 |
| | *f* | Kodiċi postali | R | | | an..10 |
| | *g* | Belt | R | | | an..50 |
| | *h* | NAD_LNG | R | | Ipprovdi l-kodiċi tal-lingwa ppreżentat fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 684/2009, il-Lista tal-kodiċijiet 1 sabiex tiddefinixxi l-lingwa użata f'dan il-grupp ta' dejta | a2 |
| **8.4** | | **UFFIĊĊJU tal-Post ta' Esportazzjoni** | O | | | |
| | *a* | Numru tar-Referenza tal-Uffiċċju | R | | *(ara l-Lista ta' kodiċijiet 5 fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 684/2009)* | an8 |
| **8.5** | | **AĊĊETTAZZJONI TAL-ESPORTAZZJONI** | R | | | |
| | *a* | Numru ta' Referenza tal-Uffiċċju tad-Dwana Mittenti | R | | *(ara l-Lista ta' kodiċijiet 5 fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 684/2009)* | an8 |
| | *b* | Identifikazzjoni tal-Uffiċjal tad-Dwana Mittenti | O | | | an..35 |
| | *c* | Data tal-Aċċettazzjoni | R | | | data |
| | *d* | MRN Esportazzjoni | R | | Numru DAU jew MRN validu kkonfermat mad-dejta tad-Dwana, skont il-każ tad-Dwana.<br>MRN = Numru ta' Referenza tal-Moviment<br>DAU = Dokument Amministrattiv Uniku | an..21 |
| **9** | | **In-Notifiki kollha ta' rifjut mid-Dwana** | O | | Is-sett tal-messaġġi e-AD kollha ta' ċaħda mid-Dwana relatati mal-moviment | 99x |
| **9.1** | | **ATTRIBUTI** | R | | | |

▼M1

| A | B | C | D | E | F | G |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | *a* | Data u Ħin tal-Ħruġ | R | | | dataĦin |
| **9.2** | | **L-abbozz tal-e-AD ikkonċernat** | C | Fil-każ ta' ċaħda fl-importazzjoni jrid jingħata abbozz wieħed ta' e-AD ikkonċernat jew fil-każ ta' ċaħda fl-esportazzjoni jrid jingħata e-AD ivvalidat u kkonċernat wieħed jew aktar.<br>*(ara l-e-ADs ikkonċernati kollha vvalidati fil-kaxxa 9.3)* | | |
| | *a* | Numru ta' Referenza Lokali | R | | | an..22 |
| **9.3** | | **L-e-Ads ivvalidati u kkonċernati kollha** | C | Fil-każ ta' ċaħda fl-importazzjoni jrid jingħata abbozz wieħed ta' e-AD ikkonċernat jew fil-każ ta' ċaħda fl-esportazzjoni jrid jingħata e-AD ivvalidat u kkonċernat wieħed jew aktar.<br>*(ara l-abbozz tal-e-AD ikkonċernat fil-kaxxa 9.2)* | | 99x |
| | *a* | ARC | R | | *(ara l-Lista ta' kodiċijiet 2 fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 684/2009)* | an21 |
| | *b* | Numru tas-Sekwenza | R | | | n..2 |
| **9.4** | | **ĊAĦDA** | R | | | |
| | *a* | Data u Ħin taċ-Ċaħda | R | | | dataĦin |
| | *b* | Kodiċi tar-Raġuni għaċ-Ċaħda | R | | Il-valuri possibbli huma:<br>1 = Id-dejta tal-importazzjoni ma nstabitx<br>2 = Il-kontenut tal-e-AD ma jaqbilx mad-dejta tal-importazzjoni<br>3 = Id-dejta tal-esportazzjoni ma nstabitx<br>4 = Il-kontenut tal-e-AD ma jaqbilx mad-dejta tal-esportazzjoni<br>5 = Il-merkanzija ġiet miċħuda fil-proċedura ta' esportazzjoni | n1 |

▼M1

| A | B | C | D | E | F | G |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **9.5** | | **DIJANJOŻI TA' KONTROVERIRIKA TAL-ESPORTAZZJONI** | C | "R" jekk <Kodiċi tar-Raġuni taċ-Ċaħda> ikun "Il-kontenut tal-e-AD ma jaqbilx mad-dejta tal-esportazzjoni"<br>— Ma tapplikax għall-każijiet l-oħrajn<br>*(ara l-Kodiċi tar-Raġuni taċ-Ċaħda fil-kaxxa 9.4b)* | | |
| | *a* | LRN Esportazzjoni | C | Tal-inqas wieħed minn dawn l-attributi li ġejjin irid ikun preżenti:<br>— <MRN Esportazzjoni><br>— <LRN Esportazzjoni><br>*(ara l-MRN tal-Esportazzjoni fil-kaxxa 9.5b)* | | an..22 |
| | *b* | MRN Esportazzjoni | C | Tal-inqas wieħed minn dawn l-attributi li ġejjin irid ikun preżenti:<br>— <MRN Esportazzjoni><br>— <LRN Esportazzjoni><br>*(ara l-LRN Esportazzjoni fil-kaxxa 9.5a)* | Numru DAU jew MRN validu kkonfermat mad-dejta tad-Dwana, skont il-każ tad-Dwana.<br>MRN = Numru ta' Referenza tal-Moviment<br>DAU = Dokument Amministrattiv Uniku | an..21 |
| **9.6** | | **DIJANJOŻI** | R | | | 999x |
| | *a* | ARC | R | | *(ara l-Lista ta' kodiċijiet 2 fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 684/2009)* | an21 |
| | *b* | Referenza Unika tar-Rekord tal-Korp | R | | Il-valur tal-Attribut irid ikun akbar minn żero. | n..3 |
| | *c* | Kodiċi tad-Dijanjożi | R | | Il-valuri possibbli huma:<br>1 = ARC mhux magħruf<br>2 = Ma teżistix Referenza Unika tar-Rekord tal-Korp fl-e-AD<br>3 = L-ebda ENTRATA TA' MERKANZIJA korrispondenti fid-dikjarazzjoni tal-esportazzjoni<br>4 = Il-piż/massa ma jaqbilx/taqbilx<br>5 = Il-kodiċi tat-tip ta' destinazzjoni tal-e-AD ma jkunx esportazzjoni<br>6 = Il-kodiċjiet NM ma jaqblux | n1 |

▼M1

<table>
<tr><th>A</th><th>B</th><th>C</th><th>D</th><th>E</th><th>F</th><th>G</th></tr>
<tr><td>9.7</td><td></td><td>KUMMERĊJANT<br>Kunsinjatarju</td><td>C</td><td>— “R” jekk <Tip ta' Messaġġ> tal-e-ADs kollha kkonċernati ma jkunx “Sottomissjoni għall-esportazzjoni (b'approvazzjoni lokali)”<br>— Ma tapplikax għall-każijiet l-oħrajn</td><td>It-Tipi ta' Messaġġ possibbli huma:<br>1 = Sottomissjoni standard (trid tintuża fil-każijiet kollha minbarra fejn is-sottomissjoni tirrigwarda esportazzjoni b'approvazzjoni lokali)<br>2 = Sottomissjoni għall-esportazzjoni b'rilaxx lokali (Applikazzjoni tal-Artikolu 283 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 (1))<br>It-tip tal-messaġġ ma jridx iseħħ fl-e-AD li għalih ikun ġie assenjat ARC, u lanqas fid-dokument fuq karta msemmi fl-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KE) Nru 684/2009</td><td></td></tr>
<tr><td></td><td>a</td><td>Identifikazzjoni tal-Kummerċjant</td><td>C</td><td>— “R” jekk <Kodiċi tat-Tip tad-Destinazzjoni> jkun:<br>— “Destinazzjoni — Maħżen tat-taxxa”<br>— “Destinazzjoni — Kunsinjatarju rreġistrat”<br>— “Destinazzjoni — Kunsinjatarju rreġistrat temporanju”<br>— “Destinazzjoni — Konsenja diretta”<br>— “O” jekk <Kodiċi tat-Tip tad-Destinazzjoni> ikun “Destinazzjoni — Esportazzjoni”<br>— Ma tapplikax għall-każijiet l-oħrajn</td><td>Il-valuri possibbli ta' <Identifikazzjoni tal-Kummerċjant> huma deskritti fit-tabella li ġejja:
<table>
<tr><th>Kodiċi tat-Tip tad-Destinazzjoni</th><th>KUMMERĊJANT KUNSINJATARJU. Identifikazzjoni tal-Kummerċjant</th><th>Post tal-Konsenja tal-KUMMERĊJANT. Identifikazzjoni tal-Kummerċjant</th></tr>
<tr><td>1 — Destinazzjoni — Maħżen tat-taxxa</td><td>Numru tas-sisa (1)</td><td>Referenza tal-Maħżen tat-Taxxa (Numru tas-Sisa) (5)</td></tr>
<tr><td>2 — Destinazzjoni — Kunsinjatarju rreġistrat</td><td>Numru tas-sisa (2)</td><td>Kwalunkwe identifikazzjoni (*)</td></tr>
<tr><td>3 — Destinazzjoni — Kunsinjatarju rreġistrat temporanju</td><td>Referenza tal-awtorizzazzjoni temporanja (4)</td><td>Kwalunkwe identifikazzjoni (*)</td></tr>
<tr><td>4 — Destinazzjoni — Konsenja diretta</td><td>Numru tas-sisa (3)</td><td>(Ma japplikax)</td></tr>
<tr><td>5 — Destinazzjoni — Kunsinjatarju eżenti</td><td>(Ma japplikax)</td><td>Kwalunkwe identifikazzjoni (*)</td></tr>
</table></td><td>an..16</td></tr>
</table>

▼M1

<table>
<tr><th>A</th><th>B</th><th>C</th><th>D</th><th>E</th><th>F</th><th>G</th></tr>
<tr><td></td><td></td><td></td><td></td><td></td><td>
<table>
<tr><th>Kodiċi tat-Tip tad-Destinazzjoni</th><th>KUMMERĊJANT KUNSINJATARJU. Identifikazzjoni tal-Kummerċjant</th><th>Post tal-Konsenja tal-KUMMERĊJANT. Identifikazzjoni tal-Kummerċjant</th></tr>
<tr><td>6 — Destinazzjoni — Esportazzjoni</td><td>Numru tal-VAT (fakultattiv)</td><td>(Il-grupp ta' dejta <KUMMERĊJANT Post tal-Konsenja> ma jeżistix)</td></tr>
</table>
(1) It-tip ta' operatur tal-kunsinjatarju huwa “Magazzinier awtorizzat”. Identifikatur eżistenti <Numru tas-Sisa tal-Kummerċjant> fis-sett ta' <AWTORIZZAZZJONI TAL-KUMMERĊJANT>;<br>
(2) It-tip ta' operatur tal-kunsinjatarju huwa “Kunsinjatarju rreġistrat”. Identifikatur eżistenti <Numru tas-Sisa tal-Kummerċjant> fis-sett ta' <AWTORIZZAZZJONI TAL-KUMMERĊJANT>;<br>
(3) It-tip ta' operatur tal-kunsinjatarju huwa jew “Magazzinier awtorizzat” jew “Kunsinjatarju rreġistrat”. Identifikatur eżistenti <Numru tas-Sisa tal-Kummerċjant> fis-sett ta' <AWTORIZZAZZJONI TAL-KUMMERĊJANT>;<br>
(4) Identifikatur eżistenti <Referenza tal-Awtorizzazzjoni Temporanja> fis-sett ta' <AWTORIZZAZZJONI TEMPORANJA>;<br>
(5) Identifikatur eżistenti <Referenza tal-Maħżen tat-Taxxa> fis-sett ta' <MAĦŻEN TAT-TAXXA>;<br>
(*) Għall-post tal-konsenja, “Kwalunkwe identifikazzjoni” tfisser: numru tal-VAT jew kwalunkwe identifikatur ieħor; huwa fakultattiv.<br>
(ara l-Lista ta' kodiċijiet 1 u l-Lista ta' kodiċjiet 2 fl-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 612/2013, jekk applikabbli)
</td><td></td></tr>
<tr><td></td><td>b</td><td>Numru tal-EORI</td><td>C</td><td>— “O” jekk <Kodiċi tat-Tip tad-Destinazzjoni> ikun “Destinazzjoni — Esportazzjoni”<br>— Ma tapplikax għall-każijiet l-oħrajn</td><td>Ipprovdi n-numru tal-EORI tal-persuna responsabbli mid-dikjarar tad-dikjarazzjoni tal-esportazzjoni kif stipulat fl-Artikolu 21(5) tad-Direttiva 2008/118/KE.</td><td>an..17</td></tr>
<tr><td></td><td>c</td><td>Isem il-Kummerċjant</td><td>R</td><td></td><td></td><td>an..182</td></tr>
<tr><td></td><td>d</td><td>Isem tat-Triq</td><td>R</td><td></td><td></td><td>an..65</td></tr>
<tr><td></td><td>e</td><td>Numru tat-Triq</td><td>O</td><td></td><td></td><td>an..11</td></tr>
</table>

▼M1

| A | B | C | D | E | F | G |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | *f* | Kodiċi postali | R | | | an..10 |
| | *g* | Belt | R | | | an..50 |
| | *h* | NAD_LNG | R | | Ipprovdi l-kodiċi tal-lingwa ppreżentat fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 684/2009, il-Lista tal-kodiċijiet 1 sabiex tiddefinixxi l-lingwa użata f'dan il-grupp ta' dejta | a2 |
| **9.8** | | **UFFIĊĊJU tal-Post ta' Esportazzjoni** | O | | | |
| | *a* | Numru tar-Referenza tal-Uffiċċju | R | | *(ara l-Lista ta' kodiċijiet 5 fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 684/2009)* | an8 |
| **10** | | **L-Interruzzjoni Possibbli ta' Moviment** | O | | Il-kontenut ta' messaġġ ta' Interruzzjoni possibbli ta' moviment relatat mal-moviment, li l-istruttura tiegħu hija stabbilita fit-Tabella 13 | 1x |
| **11** | | **Il-Kanċellazzjoni Possibbli ta' e-AD** | O | | Il-kontenut ta' messaġġ ta' Kanċellazzjoni possibbli relatat mal-moviment, li l-istruttura tiegħu hija stabbilita fit-Tabella 2 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 684/2009 | 1x |
| **12** | | **Il-Bidliet kollha ta' Destinazzjoni** | O | | Is-sett tal-messaġġi kollha ta' Bidla fid-Destinazzjoni relatati mal-moviment, li l-istruttura tagħhom hija stabbilita fit-Tabella 3 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 684/2009 | 99x |
| **13** | | **It-Twissijiet jew iċ-Ċaħdiet kollha ta' e-AD** | O | | Is-sett tal-messaġġi kollha ta' Twissija jew ta' Ċaħda ta' e-AD relatati mal-moviment, li l-istruttura tagħhom hija stabbilita fit-Tabella 14 | 99x |
| **13.1** | | **ATTRIBUTI** | R | | | |
| | *a* | Data u Ħin tal-Validazzjoni tat-Twissja jew taċ-Ċaħda | C | — "R" wara validazzjoni b'suċċess<br>— Ma tapplikax għall-każijiet l-oħrajn | | dataĦin |

▼M1

| A | B | C | D | E | F | G |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **13.2** | | **e-AD RELATAT MAL-MOVIMENT TAS-SISA** | R | | | |
| | *a* | ARC | R | | *(ara l-Lista ta' kodiċijiet 2 fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 684/2009)* | an21 |
| | *b* | Numru tas-Sekwenza | R | | Il-valur tal-Attribut irid ikun akbar minn żero. | n..2 |
